**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L- ERBGHA, 17 TA' OTTUBRU, 2001**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1950/00AE**

GasanMamo Insurance Agency Limited
u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Aldo Cassar u l-istess Aldo Cassar

Vs

Carmelo Pace.

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' mija u tlett liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm103.52), in kwantu ghal Lm78.52 hlas dovut lis-socjeta attrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attur

Aldo Cassar, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru IAP 757 gewwa l-Marsa fl-24 ta' Dicembru 1999 habat mal-vettura numru DBB 108 propjeta ta' l-attur u kkaguna danni fl-istess vettura.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' April 2000 kontra l-konvenut.

Ra ir-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 9) u li permezz taghha ikkontesta t-talba ta' l-atturi peress li l-incident in kwistjoni sehh tort ta' l-attur li kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza, inkluz il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti fir-rigward ta' dak li gara fl-24 ta' Dicembru 1999 gewwa l-Marsa.

2. Huwa minnu li fir-risposta li giet prezentata mill-konvenut gie ddikjarat li ghall-incident ma kienx responsabbli l-konvenut mentri fil-kors tax-xhieda xehed li ma sehh ebda incident. B'danakollu jekk

wiehed jirreferi ghar-rapport li sar mill-pulizija li nvestiga l-kaz, jirrizulta li anke fiz-zmien ta' l-allegat incident il-konvenut kien cahad li kien involut f'incident tat-traffiku mal-vettura misjuqa mill-attur.

3. L-attur Aldo Cassar iddikjara li huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Fiat Uno bin-numru DBB 108 gewwa Triq Dicembru tlettax il-Marsa. Huwa qabad l-intersection li twassal ghal fuq il-pont fid-direzzjoni ta' l-Imriehel. Qal li f'hin minnhom gie milqut mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Ighid ukoll li *"kif hrigt barra mill-vettura tieghi jiena lill-karrozza l-ohra rajta tibqa' sejra. Il-vettura li laqtitni kienet Lada Samara u niftakar li kienet ta' kulur ahmar"* (seduta tal-14 ta' Settembru 2001).

4. Min-naha tieghu l-konvenut qal li kien qieghed isuq vettura tal-marka Lada Samara bin-numru IAP 757 u kien jinsab mhux *"iktar minn vettura sa vettura u nofs"* wara dik ta' l-attur. F'hin minnhom il-vettura tieghu skidjat u qasmet ghal fuq il-karreggjata l-ohra u giet thares lejn il-hajt. Il-konvenut cahad kategorikament li f'xi hin kien hemm kuntatt bejn il-vetturi, jew li ammetta xi tort. Cahad ukoll li qal lill-attur li kien lest li jaghmel tajjeb ghall-hsara. Il-konvenut ikkonferma wkoll li l-attur nizel mill-vettura tieghu, pero' huwa haseb li dan niezel biex jara jekk il-konvenut kollox bzonn xi haga. Tant hu hekk li jikkonferma li huwa baqa' sejjer fi triqtu.

5. Mir-rapport li rrediga l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (PS 86 Anthony Lia) u li jgib id-data tal-24 ta' Dicembru 1999, jirrizulta li l-konvenut kien ta l-istess verzjoni lill-pulizija. Dan gie wkoll ikkonfermat mill-istess surgent fil-kors tax-xhieda tieghu fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2001 li ddikjara: *"Meta ghidtlu dwar dak li kien qed jallega l-attur Aldo Cassar, huwa kkonfermali li l-karrozza tieghu kienet skidjat veru, pero' qalli li ma laqat lill-hadd. Nikkonferma li huwa cahad kwalsiasi responsabbilta ghall-hsarat li qieghed jallega l-attur".* Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attur kien *"gharrafna wkoll illi meta kien ghaddej minn din it-triq giet vettura tal-marka Lada bin-numru tar-registrazzjoni IAP 757 u tilfet il-kontroll u laqtitu, u* ***l-kliem preciz kien li din il-karrozza Lada kienet skiddjat****"*.

6. Irrizulta wkoll li filwaqt li l-vettura ta' l-attur kellha hsara fuq il-mudguard ta' wara (ara ritratt a fol. 27 u market Dok. AC), il-vettura tal-konvenut kienet intatta u ma kellha ebda hsara. Lanqas ma jirrizulta li minn meta sehh l-incident ghal meta l-pulizija kellmu lill-konvenut kien ghadda xi tul ta' zmien b'mod li seta' jippermetti lill-konvenut sabiex isewwi kwalsiasi eventwali hsara.

7. Fil-fehma tat-Tribunal il-provi ma jistghux iwassluh sabiex jikkonkludi li l-hsara riskontrata fil-vettura tal-attur giet ikkagunata mill-konvenut. Huwa maghruf li *"f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova*

*l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu"* (**Noel Mallia nomine vs Alphonse Anastasi et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 1996).

8. Il-posizzjoni tal-hsara fil-vettura ta' l-attur u l-hsara riskontrata hija wkoll indikattiva li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija iktar verosimili. Huwa ferm improbabbli li vettura li tisskidja u tibqa' diehla f'vettura ohra (li kienet tinsab tant vicin) ma ssirilha ebda hsara u ssir ftit li xejn hsara fuq il-vettura l-ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez (skond dak li jipprovdi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**